MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI
IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 16

1 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija permezz ta' Zoom, wara li l-Kunsill Lokali kiseb l-approvazzjoni tad-DLG minħabba l-fatt li waħda mill-impjegati kellha kuntatt dirett ma' persuna li rriżultat pożittiva għal Covid-19.

PREŻENTI:

Renald Falzon – Sindku
Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Donnha Barbara – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 16A (3):

Daniel Ablett - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Daniel Ablett u l-Kunsillier Martina Grech l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Is-Sindku Renald Falzon ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 15, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

Il-kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 16 ġew approvati b'mod unanimu.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru se jsir il-kxif tal-iStatwa ta' San Ġorġ fil-preżenza tal-Ministru Dr. Byron Camilleri u l-Ministru Dr. Jose Herrera. Is-Sindku nfurma li minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, mhu se jiġi organizzat xejn, iżda dawk il-membri li jixtiequ jkunu preżenti għandhom josservaw ir-regoli kollha maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa.

16.3.2 Is-Sindku Renald Falzon infurma li ġie avviċinat mill-Arċipriet tal-Kolleġjata San Ġorġ fejn infurmah li minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19, il-Kunsill ikun rappreżentat biss minn żewġ membri waqt il-Quddiesa Pontifikali li se tinżamm il-Ħadd 6 ta' Settembru fid-9.30a.m.

16.3.3 Is-Sindku Renald Falzon infurma li matul il-ġimgħa ta' qabel kien preżenti għal Bord meeting li nżamm permezz ta' Video Conferencing dwar il-Proġett ta' Triq Ħal Qormi ma Triq l-Erba' Qaddisin/Triq il-Belt Valletta, fejn kif jaf kulħadd f'isem il-Kunsill ivvota kontra dan il-proġett, għall-fatt li dan il-proġett minbarra li se joħloq impatt fuq it-traffiku fil-lokalita', ma ħalla l-ebda kumpens lejn il-lokalita'. Is-Sindku Renald Falzon qal li ħassu ddiżappuntat li l-Kunsill ingħata miżerja ta' € 10,000 minn proġett daqshekk kbir.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar l-ewwel approvat Phase 1 tal-proġett imbagħad approvat Phase 2 tal-proġett, mingħajr biss ma kkonsultat l-istakeholders kollha, b'mod partikolari lill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li tinħareġ stqarrija bħala Kunsill sħiħ fejn l-Kunsill juri d-diżappunt tiegħu, b'mod partikolari għall-ammont ta' €10,000 lejn il-lokalita'.

Is-Sindku Renald Falzon semma li hemm *issues* oħra li l-Kunsill la ġie kkonsultat dwarhom u lanqas qabel magħhom. Is-Sindku semma li kien hemm diskussjonijiet

bejn l-iżviluppaturi u Transport Malta dwar tibdil fit-*traffic management* ta’ Triq l-Erba’ Qaddisin. Il-Viċi Sindku ppropona li tinżamm Konferenza Stampa. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa hux possibli li l-Kunsill jinvolvi lill-Perit u jitressaq Appell għal din id-deċiżjoni. Il-Kunsillier Ralph Puli qal li l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex il-Kunsill approva proġett ftit metri bogħod. Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill m’għandux iħallat l-affarijiet u għandu jara din il-kwistjoni mil-lat legali u jekk hemm bżonn il-Kunsill jiftaħ kawża quddiem il-Qorti.

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento qal li din iz-zona fiha bosta problemi bħalma hu d-drenaġġ, il-flooding eċċ u mill-informazzjoni li għandu hemm problemi kbar fi Triq il-Belt Valletta.

16.3.4 Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-bankina ta’ Triq il-Proża kważi lesta u issa jmiss li titkompla l-bankina ta’ ħdejn il-Knisja ż-Żgħira u quddiem il-Każin Pinto.

16.3.5 Is-Sindku Renald Falzon infurma li issa jmiss li jinbeda r-restawr tal-istatwa ta’ San Ġużepp, Madonna ta’ Lourdes u l-Madonna tar-Rużarju.

## 16.4 Tenders

16.4.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li fil-ġimgħa li ġejjin se tkun qed tinħareġ it-tender għal Contract Manager sabiex minbarra li jara li l-Kuntratturi qed jimxu ma dak stipulat fil-kuntratti tagħhom, naġġornaw il-kuntratti preżenti.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa li sakemm jinħadem it-tender imsemmi, l-Kunsill se jibqa’ jaċċetta servizzi medjokri li qed jingħataw minn ċertu kuntratturi?

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk l-impjegat assenjat mal-Kunsill hux qed jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku Renald Falzon semma’ li l-impjegat qiegħed jagħmel supervision u se jibqa’ jagħmel dan ix-xogħol, filwaqt li s-servizz tal-Contract Manager se jkun aktar professjonali.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli semma’ li l-Qriema mhux poplu li jagħmilx kuntatt. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa dwar l-issue ta’ Triq Marco Montebello, fejn il-ħmieġ ilu aktar minn tlett ġimgħat hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din iz-zona hija responsabbilta’ tal-Malta Industrial Parks u l-Kunsill ilu jirraporta, iżda baqa’ ħadd ma ħa azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet mal-Kuntrattur tal-Kunsill u ordnat li jsir it-tindif meħtieġ.

Is-Sindku Renald Falzon qal li kultant il-membri stess qed iwaqqgħu l-balla fuq il-Kunsill billi jtellgħu posts fuq il-media soċjali dwar xogħlijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilta’ tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Donnha Barbara qalet li minkejja li qed isir ħafna xogħol mill-Kunsill iżda l-effett tiegħu mhux jinħass u mhux iħalli l-effetti mixtieqa.

Il-Kunsillier Donnha Barbara qalet li huwa inaċċettabbli li *water leakage* fi Triq ix-Xitwa ilu aktar minn xahar u nofs jew mhux tollerabbli li l-iskart ma jinġabarx darbtejn fil-ġimgħa.

**16.4.2** Is-Sindku Renald Falzon infurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tinħareġ it-tender għal Construction Works Garden at Ta' Farżina H/E, filwaqt li qed nistennew il-BOQ u t-Technical Specifications tal-Reconstruction of Ġnien iż-Żebbuġ, sabiex ikun possibli li jinħareġ it-tender għal dan ix-xogħol ukoll.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli spjega li l-Kunsill għandu sitwazzjoni fejn ċertu problemi li saru fi proġetti *b'outcome* diżastruż bl-ilmijiet jidħol fid-djar bħalma ġara fi Triq San Pawl jew Triq San Pietru u Triq San Bastjan intuża materjal li jiżloq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Misraħ iż-Żebbuġ m'għandux ikun hemm problemi iżda se tkun qed tiġbed l-attenzjoni tal-Perit sabiex il-bini tal-ġnien f'Ta' Farżina ma joħloqx problemi lir-residenti, bl-ilma tax-xita u għandu jinħoloq *water catchment* fiz-zona.

**16.4.3** Is-Sindku Renald Falzon infurma li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed jinbeda x-xogħol fuq il-Librerija Reġjonali u qed isir eżerċizzju sabiex jinstab post alternattiv.

**16.4.4** Is-Sindku Renald Falzon nfurma li qed isir eżerċizzju wkoll sabiex jinstab post alternattiv sabiex jiġi pprovdut lill-Pulizija sabiex jiġu ntrodotti l-Community Policing f'Ħal Qormi. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk hux possibli li tintuża s-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan is-servizz jingħata 24x7 u għal fini ta' sigurta' l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ma jistax jinżamm miftuħ wara l-ħinijiet tal-uffiċċju.

**16.4.5** Is-Sindku Renald Falzon infurma li rajna l-Kuntratt tal-Kiosk fi Vjal de la Cruz, fejn jidher li l-Kuntratt ġie ffirmat għal 4 snin fi Frar 2017, għaldaqstant jidher li fadallu sena oħra bil-kirja.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk hux qed titħallas il-kirja. Is-Sindku spjega li nfurma lill-kerrejja li se jkun qed jiddiskuti mal-membri dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-kiosk. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk il-Kunsill għandhux informazzjoni dwar il-konsum tad-dawl u l-ilma tal-istess kiosk. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kontijiet jaslu fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali u jiġu mgħoddija lill-kerrej, li jħallas dawn il-kontijiet.

**16.4.6** Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar il-kwistjoni tal-ġbir ta' ħġieġ f'Ħal Qormi, fil-konterituri tal-plastic. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li mil-lat ta' management mhux tagħmel sens li proċess bħal dan jinbeda f'dan iż-żmien, meta għandek pandemija bħalma hi tal-COVID-19 u l-ħġieġ jibda' jinġabar f'kontenitur tal-plastic. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ħġieġ mhux bilfors għandu jkun fil-kontenitur tal-WastServ biex jinġabar. Spjegat li oriġinarjament id-direzzjoni ta' WastServ kienet li l-ħġieġ jitpoġġa fuq il-bankina u wara korrispondenza mal-istess WastServ, Greenpak, l-Ministru għall-Ambjent, AKL u DLG, ġie deċiż li l-ħġieġ jinħareġ f'kontenitur tal-plastic. Dan għaliex mhux se jkun aktar li l-ħġieġ jintrema f'kaxxi tal-kartun jew boroż tal-plastic. Is-Sindku Renald Falzon spjega li din hija ordni mill-Unjoni Ewropea u WastServ qed tispiċċa tħallas mas-€ 690 fuq kull tunnellata għax il-ħġieġ

ikun maħmuġ.  Is-Sindku semma li anke fid-diskussjonijiet bejn is-Sindki, ressaq il-punt tat-traffiku li se jkun qed jinġema' waqt il-ġbir tal-ħġieġ.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill joffri s-servizz ta' tqassim tal-bins.  Is-Segretarju Eżekuttiv saħħqet li l-Kunsilli Lokali spiċċaw care takers meta l-Gvern, sentejn ilu qabbad kuntrattur privat biex iqassam dawn il-bins bieb bieb u tħallas balal ta' euro biex ix-xogħol spiċċaw jagħmluh l-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku qal li l-Kunsilli Lokali ma ngħataw l-ebda direzzjoni.

Il-Kunsillier Donnha Barbara ssuġġeriet li jinħareġ avviż fuq il-medja soċjali sabiex inħeġġu lir-residenti jużaw il-bring-in sites.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li tkellmet mal-kuntrattur tal-Kunsill fejn sar ftehim li l-ewwel jinġabar l-organic waste, imbagħad jinġabar il-ħġieġ u wara jinġabar ir-recycled.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li jittama li ma jinħarġux taħrikiet lir-residenti.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-taħrikiet se jkunu qed jinħarġu lill-kuntratturi u mhux lir-residenti.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wasal iż-żmien li l-kuntratturi jkunu serji fix-xogħol tagħhom għaliex mhux tollerabbli li l-Kunsilli Lokali qed iħallsu eluf kbar ta' euro għal dawn is-servizzi u qed jingħataw servizzi tal-ħabba gozz.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk hux possibli li dawn il-bins jitqassmu mit-trakk ta' WastServ li jżur il-lokalita' darba fix-xahar.  Is-Sindku qabel li titressaq it-talba lil WastServ.

## 16.5 Uniformijiet għall-impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat stima ta' uniformijiet għall-impjegati.  Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li jinġabru stimi oħra.

## 16.6 Eżerċizzju tal-Monti

Is-Sindku Renald Falzon infurma li sar eżerċizzju sabiex tiġi aġġornata l-lista tal-monti, wara li kienet ilha għal aktar minn 6 snin ma tiġi aġġornata.  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm numru ta' bejjiegħa li m'għamlux kuntatt mal-Kunsill.

Ġie deċiż li terġa' tintbagħat korrispondenza fejn tinfurma lill-bejjiegħa li jekk ma jsirx kuntatt mal-Kunsill il-posta se tiġi dikjarata vojta.

## 16.7 Mozzjonijiet

### 16.7.1 Mozzjoni Nru 56 imressqa mis-Sindku Renald Falzon

Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 8,500 għall-kors ta' *Masters in Governance and Management* lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Karen Camilleri, imniedhi mill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali.

Il-ħlas għal dan il-kors jitqassam kif ġej;

- 1700€ upon registration
- 2550€ March 2021
- 2550€ September 2021
- 1700€ March 2022

Kull ħlas jinħareġ f'isem is-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun possibli li tikkwalifika għal *Get Qualified Scheme*, fejn l-iskema tagħti 70% *refund* lura, liema *refund* għandu jiġi rritornat lill-Kunsill Lokali. Barra minhekk l-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali se tkun qed tisponsorja 15% tal-Kors ukoll, liema 15% ukoll jiġu rritornati lill-Kunsill Lokali.

Dan ifisser li l-Kunsill se jkun qed joħroġ biss 15% tal-kors.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk f'każ li l-applikant jiddeċiedi li jieqaf x'se jkun qed jiġri? Is-Sindku Renald Falzon infurma li se jkun qed jiġi drafted kuntratt sabiex jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv, fuq draft contract provdut mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali

Il-**Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 16.8 Korrispondenza

Stima għal servizz addizzjonali mill-Contract Manager responsabbli mid-dawl.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-istima.

## 16.9 Rapporti ta' Sotto Kumitati

**16.9.1** Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma lill-membri li l-iStop Sign fi Triq il-Wied, taħt Triq Ġorġ Mifsud Chircop mhix effettiva

**16.9.2** Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli talab li ssir tabella tar-Reserved Parking Bay fi Trejqa ta' Pinto, minħabba l-fatt li r-Reserved Bay ma tidhirx minħabba l-pavimentar.

**16.9.3** Il-Kunsilier Dr Sean Apap Meli talab li tiġi nstallata mera fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa qed isir xogħol ta' kostruzzjoni u fejn ġiet mitluba din il-mera hemm l-entratura tas-sit. Jekk il-mera tiġi nstallata qabel jitlesta l-bini hemm ir-riskju li din tinkiser.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli semma' l-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq San Bartolomew fejn minbarra dan l-inċident qed iseħħ abbuż kontinwu fi Pjazza tal-Granmastru u Triq il-Kbira (bejn il-pompi tal-petrol) ta' kull filgħaxija, fejn żgħażagħ b'vetturi lussużi joqgħodu jitqażżu bil-karozzi. .

Il-Kunsillier George Muscat talab li jsir repaint tal-markings fi Triq il-Wied, b'mod partikolari taz-Zebra Crossings, għaliex bosta sewwieqa lanqas biss jindenaw jieqfu, saħansitra jibqgħu għaddejjin minn fuq il-lights meta n-nies ikunu qed jaqsmu.

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento saħaq li fi Pjazza tal-Granmastru mhux qżież bil-vetturi biss ikun hemm iżda abbużi ferm aktar serji.

Il-Kunsillier George Muscat semma' l-fatt li ċċempel l-Għassa tal-Pulizija u ħadd ma jiġi fuq il-post jagħmel spezzjonijiet.

**16.9.4** Il-Kunsillier Carmel Cuschieri qal li huwa mportanti li tali rapporti għandhom jitressqu għall-attenzjoni tal-iSquad li jkun responsabbli għaliha.

**16.9.5** Wara diskussjoni dwar dawn l-abbużi ġie maqbul li tintalab aktar sorveljanza mill-Pulizija fit-toroq

**16.9.6** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ġab għall-attenzjoni tal-membri s-sitwazzjoni fi Triq il-Belt Valletta fejn mechanic qed iħammeġ it-triq b'kull xorta ta' skart u vetturi. Is-Sindku Renald Falzon infurma li dan il-każ daħal fih ukoll l-OPM iżda baqa' ma sar xejn.

**16.9.7** Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li hemm xi problemi b'ħajt tas-sejjiegħ ħdejn il-pic-nic area. Is-Sindku Renald Falzon nfurma li kellu talba sabiex jinqalgħu l-bankijiet li hemm fil-pic-nic area.

**16.9.8** Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li mhux aċċettabbli li water leakages fi Triq il-Kus u Triq il-Belt Valletta jdumu ġranet sabiex issir manutenzjoni fuqhom.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli talab li jsir patching fi Triq il-Ħammieri għaliex hemm periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku nfurma li qed nistennew il-permessi minn Transport Malta sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

## 16.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tnejn 5 ta' Ottubru 2020** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _________________________ | ________________________ |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |